MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 767/2013

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**Vs**

**Kane Anthony Mifsud (K.I. 115203L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ecepixxiet illi:-

Il-konvenut ghandu jigi kkundanat ihallas l-ammont ta' elf, mitejn u tmienja u disghin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,298.24) rapprezentanti ammont

dovut lis-Socjeta' attrici ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok.VF1'.

Illi minkejja li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat hu baqa' nadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez, inkluz dawk referibbli ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezenti kontestwalment ma' din it-talba, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv tal-istess ammont, kontra l-konvenut illi huwa, minn issa ngunt ghas-Subizzjoni tieghu.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici datata 5 ta' Mejju, 2014 fejn hi rriduciet l-ammont reklamat f'din it-talba ghal-elf u tmienja u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,058.24) b'rizerva ghall-ispejjez gudizzjarji konnessi mal-irkupru tal-ammont reklamat;

Ra x-xhieda datata 5 ta' Mejju, 2014 fejn il-konvenut ammetta bil-Gurament din it-talba kif ridotta mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici skont kif ridotta mill-istess socjeta' attrici permezz tan-nota taghha tal-5

ta’ Mejju, 2014, ghas-somma ta’ elf u tmienja u hamsin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1,058.24c) u dan bl-ispejjez kollha inkluzi fl-avviz u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi u skont kif mitluba mis-Socjeta’ attrici fl-Avviz tat-Talba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------